Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,529, 27 ta' Novembru, 2020
Taqsima B

A.L. 447 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)
Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati (Emenda Nru 7)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Avvennimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati (Emenda Nru 7) u dawn ir-regolament għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Avvennimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 465.47.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. It-tieni proviso tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda ukoll, il-*bars* u l-każini kollha ma għandhomx jiftħu għan-negozju u għandhom jibqgħu magħluqa sas-6 ta' filgħodu tal-1 ta' Jannar 2021.".